**IL-PARLAMENT MIFTUĦ GĦALL-PUBBLIKU MATUL IN-*NOTTE BIANCA***

Bħas-sena l-oħra l-pubbliku se jkollu l-opportunità li jżur il-Parlament li se jkun miftuħ matul l-avveniment tan-*Notte Bianca* li se jsir nhar is-Sibt, 4 ta' Ottubru 2008.

Membri Parlamentari, flimkien ma' uffiċjali tal-Parlament, se jkunu fil-Kamra tad-Deputati bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl biex jiltaqgħu mal-pubbliku u jispjegawlhom il-proċedura parlamentari.

Barra s-Sala tal-Parlament, se jkunu wkoll miftuħa l-kmamar tal-Kumitati fejn fihom isiru l-laqgħat tal-Kumitati Permanenti tal-Kamra li twaqqfu fl-1995.

**DOI – 03.10.2008**